MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 162/2007

Kawza fil-lista: 10

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk :

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-22 ta' Mejju 2005, u minn liema ghaqda ma twieldu ebda tfal;

2. Illi z-zwieg tkisser irrimedjabilment u dan minhabba ragunijiet imputabbli biss lil konvenut u l-attrici konsegwentement isseparat mill-konvenut permezz ta' digriet awtorizzanti tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Famija),

Dig. Nru 309/07, u kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, in atti Dr. Claude Bellizzi, Nutar Pubbliku f' Malta iddatat 22 ta' Frar, 2007;

3. Illi l-konvenut ta l-kunsens tieghu ghall-kuntratt taz-zwieg bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali jew ohrajn tal-hajja mizzewga, jew ta' dritt ghall-att taz-zwieg, izda ghamel dan bi skop unikament qarrieqi kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga tieghu u/jew b' anomalija psikologika serja li jaghmiha impossibli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

5. Illi l-kunsens tal-attrici ghaz-zwieg inkiseb bi vjolenza morali u b' biza';

6. Illi l-kunsens tal-attrici inkiseb b' qerq dwar kwalita' tal-konvenut li mix-xorta taghha tfixkel/fixklet, il-hajja mizzewga kif ser jigi muri fit-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi din il-kawza qieghda ssir sabiex l-attrici tottjeni dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg taghha minn dina l-Onorabbli Qorti ghal motivi premessi.

Ghaldaqstant l-attur, in vista ta' dak fuq premess, umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut irrisponda li huwa jaqbel li z-zwieg huwa null, izda mhux ghal ragunijiet imputabbli biss lilu ; u sostna li hu m' ghandux ibati ebda spejjez ;

Rat il-kontro talba maghmula mill-konvenut rikonvenzjonant u li tinsab a fols.32 sa 33 tal-process [Appendici A] ;

Rat ir-risposta guramentata ta' l-attrici rikonvenzjonata u li tinsab a fols.35 u 36 tal-process [Appendici B] ;

Rat ir-rapport tal-psikologa Carmen Sammut minnha debitament mahluf ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni u l-kontro talba**

Illi permezz ta' l-azzjoni u tal-kontro talba, il-partijiet qedin jitolbu minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghhom kuntrattat fit-22 ta' Mejju 2005 huwa null fil-ligi, stante li l-attrici tghid, li l-kunsens matrimonjali taghha kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [a] u [c], u dak tal-konvenut fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha tieghu, il-konvenut isostni li l-kunsens matrimonjali ta' l-attrici kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [f] u [g], u dak tal-partijiet fit-termini tal-paragrafu [d], ta' l-artikolu precitat.

**Il-Fatti**

Illi l-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu ; u mill-kumpless tal-provi akkwiziti, jiddelinea ruhhu s-segwenti kwadru tal-fatti sodisfacentement provati.

Illi l-partijiet izzewwgu fit-22 ta' Mejju 2005 meta allura l-attrici kellha 31 sena u l-konvenut kellu 30 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa erba' snin. Wara konvivenza matrimonjali qasira ta' sena u nofs, il-partijiet isseparaw de facto, u fit-22 ta' Frar 2007 iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

*Verzjoni Attrici*

Illi in sostanza l-attrici tilmenta minn nuqqas ta' partecipazzjoni fil-hajja konjugali da parti tal-konvenut, u minn nuqqas ta' komunikazzjoni li kien hemm bejniethom ukoll kawza tal-fatt li, filwaqt li l-attrici kienet tahdem matul il-gurnata, il-konvenut bhala, kok, kien jahdem bil-lejl. Tghid li, ghall-konvenut ix-xoghol kellu priorita' fuq iz-zweg, tant, li meta l-konvenut kien jirritorna lura mix-xoghol kien ihossu ghajjien u stressjat u li kien ikun riluttanti ghall-att taz-zwieg.

In propozitu tghid li l-avvanzi ghar-relazzjonijiet intimi kienu dejjem saru minnha, u l-konvenut kien jipprova jevita li jaghmel l-att taz-zwieg maghha, liema att, meta kien isir kien jithalla miftuh ghat-tfal. Tghid li l-att taz-zwieg kien isir fuq medja ta' darba f' xahar.

Tghid li hu kien ingannaha ghax, qabel iz-zwieg, ma kienx qallha li ma riedx tfal, kif ukoll li hu ma kienx jemmen f' Alla u ghalhekk ma kienx kattoliku prattikanti.

L-attrici tispjega li hi kienet tibza' mill-konvenut, sa minn qabel iz-zwieg, peress li kien jitlef it-tempra malajr u kien ikun aggressiv maghha, izda hija xorta wahda, kontra l-parir tal-genituri taghha, kienet accettat li tizzewweg lill-konvenut, biex taghtih cans li jinbidel. Fil-fatt mhux talli ma' nbidilx fiz-zwieg, talli kienet toqghod lura milli tkellmu biex ma tinnervjahx, ghax meta jirrabja kien isir aggressiv, anke fil-konfront taghha. Ghalhekk kienet spiss tikkomunika mieghu bl-sms. Hija tammetti pero' li meta kienet trid xi haga, hija kienet tibqa' tinsisti mieghu fuqha.

Tghid li minhabba l-premess "jiena nhossni li qatt ma kelli zwieg."

*Verzjoni Konvenut*

Illi l-konvenut jammetti li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejniethom fiz-zwieg minhabba l-hinijiet

tax-xoghol taghhom, u jspjega li, wara li ghamel l-operazzjoni, huwa dahal f' izjed xoghol biex ma jitlifx l-opportunita' li gietu sabiex jaqla' aktar flus, anke peress li l-partijiet kellhom certi mpenji, senjatament il-loan tad-dar. Jghid li l-attrici ma kienitx tifhmu meta kien jahdem hafna biex ikunu jista' jkunu finanzjarament ahjar, u ghalhekk kienet tgerger hafna peress li kien jaghmel hafna hin fuq ix-xoghol, u hi riedet aktar hin flimkien. Fl-affidavit tieghu jistqarr li kien ihossu aktar "fulfilled" fuq ix-xoghol, milli d-dar.

Jghid li l-attrici kienet immatura u tirraguna bhat-tfal, u kienet tiddependi hafna, anke fejn jidhlu decizjonijiet ta' bejniethom kienet tkun influwenzata hafna minn niesha. Jhoss li hi kienet izzewwget lilu, mhux ghax verament riedet li tizzewweg lilu, izda peress li riedet tizzewweg. Il-konvenut jistqarr li f' dak l-istadju, u fis-sitwazzjoni li kienu fiha, huwa ma riedx igib tfal fid-dinja, izda l-attrici kienet tibqa' tinsisti mieghu dwar dan.

Il-konvenut jammetti li "anke jekk mhux apposta, jien lil A eskludejtha minn hajti."

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li mir-rapport tal-psikologa ma jirrizultax li l-partijiet, jew xi parti, kienet tbati minn anomalija psikologika <u>serja</u> li kienet ghamlitha <u>mpossibbli</u> li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali ghaz-zwieg. Huwa minnu li l-partijiet urew bic-car li t-tnejn kemm huma kellhom nuqqasijiet li kienu ta' detriment ghat-tishih tar-relazzjoni ta' bejniethom, izda m'humiex tali li jissodisfaw it-tieni parti tal-paragrafu [d] fuq citat.

Il-Qorti thoss li mill-provi jirrizulta li l-komportament tal-konvenut fiz-zwieg jimmanifesta difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq id-drittijiet u d-dmirijiet tal-hajja konjugali da parti tieghu, u juri li ma fehemx, u ma apprezzax, li z-zwieg huwa unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere <u>reciproku</u>, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied, intiza sabiex tikkrea bejn il-partijiet « a community of life and love. » Il-

komportament tieghu fiz-zwieg, vis-a-vis martu, kien ta' ostakolu serju ghal dan.

Ex admissis huwa kien jaghti aktar importanza lix-xoghol tieghu milli lil martu u l-bzonnijiet taghha, tant, li kien wasal fi stat li jhossu aktar sodisfatt fuq ix-xoghol milli fid-dar, bir-rizultat li, wkoll ex admissis, huwa kien wasal sabiex eskluda lil martu minn hajtu. Inoltre, anke ir-reazzjoni aggressiva tieghu fil-konfront taghha meta kienet tkellmu, u tinsisti mieghu, fuq hwejjeg li ma riedx jisma', kienet ta' detriment serju ghas-success tar-relazzjoni taghhom.

Izda fattur li zgur kien determinanti ghall-izvilupp tar-relazzjoni matrimonjali taghhom, kien ir-riluttanza da parti tieghu li jaghmel l-att taz-zwieg ma' l-attrici martu. L-attrici tghid, u l-Qorti taghtiha affidament, li hu ma kienx javvicinaha ghar-relazzjonijiet intimi, u tghid li dawn kienu jsiru "dejjem" fuq inzjattiva taghha, u fuq medja ta' darba f' xahar. Gieghli l-konvenut kien jirrifjuta l-avvanzi taghha, ghar-raguni li skond hu kien ikun ghajjien u stressjat.

Il-Qorti tosserva li l-att taz-zwieg fil-hajja matrimonjali ghandu l-funzjoni li jintegra z-zwieg, u huwa determinanti sabiex jghaqqad il-partijiet flimkien f' unjoni ta' hajja u ta' imhabba ; u ghalhekk, il-parti li turi riluttanza li taghmel dan l-att fiz-zwieg, jew ghax tkun inkapaci li taghmlu, jew ghax ma tatihx l-importanzi li jisthoqqlu, tkun ta' ostakolu serju ghall-hajja konjugali.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet ghan-nullita' taz-zwieg huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqugha fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikou 19[1] tal-Kap.255, liema *caput nullitatis* jezisti biss fil-konfront tal-konvenut.

Illi in kwantu ghall-kap ta' l-ispejjez, il-Qorti thoss li ghandu jkun hemm temperament, stante li l-attrici kienet konxja, anke sa minn qabel iz-zwieg, bil-karattru u l-komportament tal-konvenut, tant, li l-genituri taghha kienu pprovaw jiddiswaduha milli tizzewwgu, izda hi kienet ghalqet widnejha u ghajnejha, u ghaddset rasqha u

zzewget lill-konvenut. Ghalhekk ghandha tbati parti mill-ispejjez.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba, u l-kontro talba limitatament, kif ser jinghad : tiddikjara li z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-22 ta’ Mejju 2005 huwa null fil-ligi ; u tilqa’ t-tieni talba tal-kontro-talba.

L-ispejjez tat-talba attrici ghandhom jigu sopportati mill-partijiet konguntivament fi kwoti ta’ zewg terzi [2/3] mill-konvenut, u terz [1/3] mill-attrici ; filwaqt li l-ispejjez kollha tal-kontro talba ghandhom jigu sopportati mill-konvenut ; izda l-ispejjez tar-rapport tal-psikologa Carmen Sammut, ghandhom jinqasmu wgwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------